



Brussell, it-18 ta' Diċembru 2020
REV1 – jissostitwixxi l-avviż bid-data tat-13 ta' Novembru 2018

AVVIŻ LILL-PARTIJIET IKKONĊERNATI

IL-ĦRUĠ TAR-RENJU UNIT U R-REGOLI TAL-UE GĦAL STANDARDS TA' CO₂ GĦAL KAROZZI TAL-PASSIĠIERI, VETTURI KUMMERĊJALI ĦFIEF U VETTURI HEAVY-DUTY ĠODDA

Mill-1 ta' Frar 2020, ir-Renju Unit ħareġ mill-Unjoni Ewropea u sar “pajjiż terz”¹. Il-Ftehim dwar il-Hruġ² jipprevedi perjodu ta' tranżizzjoni li jintemm fil-31 ta' Diċembru 2020. Sa dik id-data, il-liġi tal-UE kollha kemm hi tapplika għar-Renju Unit u fih³.

Matul il-perjodu ta' tranżizzjoni, l-UE u r-Renju Unit se jinnejgozjaw ftehim dwar sħubija ġdida, li jipprevedi b'mod partikolari żona ta' kummerċ ħieles. Madankollu, ma hemmx ċertezza dwar jekk jintlaħaqx ftehim bħal dan u jekk jidħolx fis-seħħ fi tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Fi kwalunkwe każ, tali ftehim joħloq relazzjoni li f'termini ta' kundizzjonijiet ta' aċċess għas-suq se tkun differenti ħafna mill-parteċipazzjoni tar-Renju Unit fis-suq intern,⁴ fl-Unjoni Doganali tal-UE, u fil-qasam tal-VAT u s-sisa.

Għaldaqstant, il-partijiet interessati kollha, u speċjalment l-operaturi ekonomiċi, huma mfakkra dwar is-sitwazzjoni legali applikabbi wara t-tmiem tal-perjodu ta' tranżizzjoni.

Parir lill-partijiet ikkonċernati:

Biex jindirizzaw il-konsegwenzi stabbiliti f'dan l-avviż, (i) il-manifatturi stabbiliti fir-Renju Unit u (ii) manifatturi minn pajjiżi terzi li jkollhom rappreżentant fir-Renju Unit huma rrakkomandati b'mod partikolari li jiżguraw l-istabbiliment ta' rappreżentant fl-UE, u jinfurmaw lill-Kummissjoni b'dan.

¹ Pajjiż terz huwa pajjiż mhux membru tal-UE.

² Il-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, ĠU L 29, 31.1.2020, p. 7 (“Il-Ftehim dwar il-Ħruġ”).

³ Soġġett għal ċerti eċċeżżjonijiet previsti fl-Artikolu 127 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li l-ebda waħda minnhom ma hija rilevanti fil-kuntest ta' dan l-avviż.

⁴ B'mod partikolari, ftehim ta' kummerċ ħieles ma jipprevedix kunċetti tas-suq intern (fil-qasam tal-prodotti u s-servizzi) bħar-rikonoxximent reċiproku, il-“prinċipju tal-pajjiż ta’ oriġini”, u l-armonizzazzjoni. Lanqas ma jelmina l-formalitajiet u l-kontrolli doganali, inklużi dawk li jikkonċernaw l-oriġini tal-merkanzija u l-input tagħhom, kif ukoll projbizzjonijiet u restrizzjonijiet fuq l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Innota li:

Dan l-avviż ma jindirizzax:

- Il-leġiżlazzjoni tal-UE relatata mal-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi ta' vetturi bil-mutur;
- Id-dritt tal-UE dwar l-emissjonijiet tal-vetturi għajr is-CO₂.

Fir-rigward ta' dawn l-aspetti, qegħdin jitħejew jew ġew ippubblikati avviżi oħrajn⁵.

IS-SITWAZZJONI LEGALI WARA T-TMIEM TAL-PERJODU TAT-TRANŻIZZJONI

Wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, ir-regoli tal-UE dwar l-istandards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ għal vetturi ġodda (karozzi tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief⁶ kif ukoll vetturi heavy-duty⁷) ma jibqgħux japplikaw għar-Renju Unit⁸.

1. KAROZZI ĠODDA TAL-PASSIġġIERI U VETTURI KUMMERċJALI ḥFIEF ĠODDA**1.1. Karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fir-Renju Unit sal-31 ta' Diċembru 2020**

Skont l-Artikolu 96(4) tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, ir-Renju Unit se jkompli jirrapporta *d-data* dwar karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati sal-31 ta' Diċembru 2020 fit-territorju tiegħu. Huwa se jinnotifika lill-Kummissjoni sat-28 ta' Frar 2021, f'konformità mal-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) 2019/631.

⁵ https://ec.europa.eu/info/european-union-and-united-kingdom-forging-new-partnership/future-partnership/preparing-end-transition-period_mt

⁶ Ir-Regolament (UE) 2019/631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 li jistabbilixxi standards ta' rendiment fir-rigward tal-emissjonijiet ta' CO₂ tal-karozzi ġodda tal-passiġġieri u tal-vetturi kummerċjali ħfief ġodda, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011, ĠU L 111, 25.4.2019, p. 13.

⁷ Ir-Regolament (UE) 2019/1242 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jistabbilixxi standards tal-prestazzjoni tal-emissjonijiet tas-CO₂ għall-vetturi tqal ġodda u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 595/2009 u (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 96/53/KE, ĠU L 198, 25.7.2019, p. 202. Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissjonijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda, ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1.

⁸ Filwaqt li r-Regolamenti (KE) Nru 443/2009 u (UE) Nru 510/2011 inizjalment kienu elenkti fil-Protokoll dwar l-Irlanda/l-Irlanda ta' Fuq bħala leġiżlazzjoni tal-UE applikabbi fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq, il-Kumitat Konġunt UE-Renju Unit iddeċċieda, fid-Deċiżjoni Nru 3/2020 tal-Kumitat Konġunt tal-17 ta' Diċembru 2020, li jneħħi dawn l-atti legali mill-Anness 2 tal-Protokoll. Għalhekk, wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni, la dawn ir-Regolamenti u lanqas il-leġiżlazzjoni ta' revoka tagħhom ma japplikaw fir-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Il-Kummissjoni se tqis *id-data* tal-2020 irrappurtata mir-Renju Unit għall-finijiet kollha skont ir-Regolament (UE) 2019/631 li fihom titqies *id-data* tal-2020. Din tinkludi, imma mhux limitata, għal:

- il-kalkolu tal-miri tal-emissionijiet speċifiċi għall-2020 għal kull manifattur;
- il-kalkolu tal-emissionijiet speċifiċi medji (WLTP u NEDC) fl-2020 ta' kull manifattur ikkonċernat;
- id-determinazzjoni tal-massa medja f'kundizzjoni ta' sewqan tal-flotta tal-Unjoni ta' karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda fl-2020;
- id-determinazzjoni tal-valur M0 li għandu jiġi applikat fil-kalkolu tal-miri tal-emissionijiet speċifiċi għall-2024 għall-manifatturi ta' vetturi kummerċjali ħfief⁹.

Il-Kummissjoni se tqis ukoll *id-data* ppreżentata mill-manifatturi dwar *id-data* mkejla tal-emissionijiet ta' CO₂ għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fir-Renju Unit fl-2020 għad-determinazzjoni tal-mira għall-flotta kollha tal-UE għall-2021, kif previst fil-punt 6.0 tal-Partijiet A u B rispettivi tal-Anness I tar-Regolament (UE) 2019/631.

1.2. Karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati fir-Renju Unit wara l-31 ta' Diċembru 2020

Għal karozzi ġodda tal-passiġġieri u vetturi kummerċjali ħfief ġodda rreġistrati wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, jiġifieri wara l-31 ta' Diċembru 2020, ir-Renju Unit mhu se jibqa' jirrapporta ebda *data*.

2. VETTURI HEAVY-DUTY ġODDA

Id-data dwar vetturi heavy-duty ġodda rreġistrati fil-perjodu ta' rapportar mill-1 ta' Jannar 2019 sal-30 ta' Ġunju 2020 u rrapportata mir-Renju Unit skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 2018/956¹⁰ se titqies għall-finijiet kollha skont ir-Regolament (UE) 2019/1242 li fihom titqies *id-data* għal dak il-perjodu ta' rapportar, li tinkludi, iżda mhux limitata għal:

- id-determinazzjoni tal-emissionijiet ta' CO₂ ta' referenza tal-flotta tal-Unjoni;
- id-determinazzjoni tal-emissionijiet speċifiċi medji ta' CO₂ għal kull manifattur f'dak il-perjodu ta' rapportar;

⁹ Ara l-Artikolu 14(1) tar-Regolament (EU) 2019/631.

¹⁰ Ir-Regolament (UE) 2018/956 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2018 dwar il-monitoraġġ u r-rappurtar tal-emissionijiet ta' CO₂ u tal-konsum ta' fjuwil minn vetturi heavy-duty ġodda, ĠU L 173, 9.7.2018, p. 1.

- id-determinazzjoni tal-fattur ta' emissjonijiet żero u emissjonijiet baxxi għal kull manifattur f'dak il-perjodu ta' rapportar.

Il-Ftehim dwar il-Ħruġ ma jipprevedix obbligi ta' rapportar tar-Renju Unit firrigward ta' vetturi heavy-duty wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Għalhekk, ir-Renju Unit mhu obbligat jirrapporta ebda *data* wara tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni. Ma għandux għalfejn jirrapporta dwar vetturi heavy-duty ġodda rregistrați wara l-1 ta' Lulju 2020.

3. REKWIŻITI TA' STABBILIMENTU RAPPREŻENTANTI TAL-UE

Skont l-Artikolu 3(1)(f) tar-Regolament (UE) 2019/631 u l-Artikolu 3(10) tar-Regolament (UE) 2019/1242, moqrija flimkien mal-Artikolu 3(40) u (41) u l-Artikolu 13(4) tar-Regolament (UE) 2018/858¹¹, manifattur li l-vetturi tiegħu huma rregistrați fl-Unjoni jrid ikun ibbażat jew ikollu rappreżentant ibbażat fl-UE.

Għalhekk, wara li jintemm il-perjodu ta' tranżizzjoni:

- manifattur ibbażat fir-Renju Unit għandu jkollu rappreżentant tal-UE fl-UE;
- manifattur ibbażat f'pajjiż terz li r-rappreżentant tal-UE tiegħu kien ibbażat fir-Renju Unit qabel tmiem il-perjodu ta' tranżizzjoni, għandu jkollu rappreżentant tal-UE fl-UE.

Jenħtieġ li l-Kummissjoni tiġi informata immedjatamente dwar id-dettalji ta' kuntatt tar-rappreżentant tal-UE.

Is-sit web tal-Kummissjoni dwar ir-regoli tal-UE dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi ħfief u heavy-duty (https://ec.europa.eu/clima/policies/transport/vehicles_mt) jipprovdha informazzjoni ġenerali dwar il-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar l-emissjonijiet ta' CO₂ minn vetturi bil-mutur. Dawn il-paġni se jkunu aġġornati b'aktar informazzjoni meta jkun meħtieġ.

**Il-Kummissjoni Ewropea
Id-Direttorat Ġenerali għall-Azzjoni Klimatika**

¹¹ Ir-Regolament (UE) 2018/858 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2018 dwar l-approvazzjoni u s-sorveljanza tas-suq ta' vetturi bil-mutur u l-karrijiet tagħhom, u ta' sistemi, komponenti u unitajiet tekniċi separati maħsuba għal tali vetturi, ĠU L 151, 14.6.2018, p. 1.